# Limerikki (v)

### 444.

Kien hemm darba xiħ f'Aberdeen,
żewġ dbielet kien jilbes miskin,
geżwira li xtara,
dublett minn tal-mara,
u jgħaddi mat-toroq f'Aberdeen!

### 445.

Kien hemm darba raġel minn Sipa
li dejjem idaħħan il-pipa;
u jitlef miskin
il-pipa kull ħin,
bħar-raġel illi jpejpu bil-pipa.

### 446.

Kien hemm raġel xiħ ġol-Għammieri
li libbes lill-kelba l-brassjieri,
"Oh! t'Alla x'temenza!"
l-Għaqdiet tad-Deċenza
qalulu, u ċapċpulu fl-Għammieri.

### 447.

Kien hemm darba merħla f'Ħal Pupu
rgħaj kellha li jigdem daqs lupu,
u ħafna telqulu,
u f'wiċċu qalulu
biex ngħixu sejrin taħt il-lupu.

**448.**

Kien hemm darba bidwi f'Sabtan
sab xiħ fuq it-tuta beżgħan;
"x'int tagħmel?" staqsieh,
u wieġeb ix-xiħ:
"waddbuni minn fuq ajruplam!"

**449.**

Kien hemm darba merħla li kellha
mar-ragħaj iddur dawra durella,
u tħabbat bħar-rgħad,
biex tqajmu mir-rqad,
mar-ragħaj iddur dawra durella.

**450.**

Il-Qalb ta' Ġesù f'Raħal Ġdid
demm qattret fid-dar ta' marid;
biz-zokkor if-demm
sabuh, qalu: "X'hemm!
anki Alla biz-zokkor marid!"